# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **7** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ħamis 4 ta' Lulju 2013 fil-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar (ħareġ mil-laqgħa fid-9.10pm)<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur John B. Camilleri(ħareġ mil-laqgħa fis-7:40pm)<br>Is-Sur Daniel Spiteri(daħal għal laqgħa fis-6.15pm)<br>Is-Sur *Sandro Gatt (ħareġ mil-laqgħa fid-9:10pm)* |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 6.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni ta' Tenders
   a) KLM 2013/04 Road Maintenance and Major Patching Works in Access and Access only roads.
   b) KLM 2013/05 Maintenance and Construction of Pavements Boundary Walls and other Ancillary Works.
   c) KLM 2013/06 *Service of Accountant*
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 6(1) tal-11 ta' Ġunju 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi paġna 10 artiklu #7.2 it-tieni paragrafu għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li quddiem dan il-mini market hemm bżonn li ssir ~~bozza~~ u ~~anke~~ waħda iktar l-isfel."*

iktar qawwija jekk hemm bżonn

1.1.3 Il-Kunsillieri s-Sur John B. Camilleri qal illi paġna 10 artiklu #7.3 it-tieni u t-tielet paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li hemm bżonn issir manutenzjoni sabiex jitneħħa is-sadid u jiġi it-trattat. Huwa qal li l-aħjar li nġibu kwotazzjoni ta' kemm ser jiswina għal kull pole."*

*Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu kwotazzjoni ta' kemm se jiġi jiswa kull pole kif ukoll il-manutenzjoni ta' kull pole rigward bozoz, globi eċċ. Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħa l-inkarigu biex jiċċekja iktar fid-dettal.*

**Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 Astensjonijiet.**

**Il-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 6(1) tal-11 ta' Ġunju 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ġibed l-attenzjoni rigward paġna 11 punt #7.10 fejn qal illi Polidano Brothers li sa dak iż-żmien kien il-kuntrattur tal-Kunsill kien bagħat rati emendati tal-kuntratt fejn dan għolla r-rata tat-tarmac kważi bid-doppju. Kompla jgħid illi dan ix-xogħol m'għandux isir mill-ħaddiema tal-Kunsill iżda nistennew sakemm jiġi aġġudikat it-tender il-ġdid sabiex nkunu nistgħu nkomplu Triq il-Bidni kif kien pjanat.

Is-Sindku wieġbu illi la darba niddeċiedu min ser jieħu t-tender nkomplu bix-xogħol pjanat, u żied jgħid illi t-toroq li għandhom isiru għandhom jiġu f'din l-ordni: Triq il-Qaliet quddiem il-vilel,Triq La Sengle,Triq tal-Gardiel u Triq il-Bidni. Hu kompla jgħid illi nfurmajna lill-Ministeru ikkonċernat rigward l-isfrundar tat-Triq ix-Xatt ħdejn it-terminus u ħdejn il-knisja għaliex din ġiet ikkawżata mill-bendy buses illi jgħaddu minn ġo dawn it-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm parti fi Triq iż-Żonqor illi għandha tingħata t-tarmac ukoll.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni rigward paġna 11 punt #7.12 fejn qal illi hu sab minuti ta' xi seduta preċedenti tal-Kunsill fejn konna ingħatajna pjanta provduta mill-Lands Department u preżenta waqt il-Kunsill fejn turi l-akwati tal-pixxina u tindika l-area li hija tal-Lands Department u dik tas-sid tal-pixxina. Il-bini kif ukoll l-parkeġġ ~~tan-nafra ta' wara~~ jaqa taħt sid il-pixxina filwaqt illi l-parking il-kbir ta' fuq barra jaqa taħt il-lands Department. Huwa żied jgħid illi l-permess sabiex nużaw din il-parti għandu jinħareġ mingħand il-lands. Is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa illi l-parking area nagħmlula parking bays.

Is-Sindku qal illi ma jidirx li hemm għalfejn parking bays u dan peress illi s-sistema turik weħida u tinvolvi ħafna spejjeż ta' żebgħa .

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi hu iċċekja rigward l-ideja li kellna rigward il-brilli u qal illi ma hemm bżonn xejn ħlief simenta livellata.

Is-Sindku ssuġerixxa sabiex nirranġaw dik il-biċċa ħamrija u ngħamlu simenta għaliex bħala equipment għal din il-logħoba jkun f'idejn il-parteċipanti u staqsa lill Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri sabiex jiċċekja sew għal aktar dettalji.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Stima mingħand Nexos biex jirranġa l-fanali ta' Triq ix-Xatt (35/3143/13/I):**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġibna kwotazzjoni mingħand in-Nexos għal refurbishing tal-poles tad-dawl (twin arm) fi Triq ix-Xatt kif ukoll ta numbering system u preżenta sample lill-Kunsill ta' numru ta' bozza li ġab min lokalita' oħra iżda qal illi d-daqs għandu jkun nofs tas-sample illi ġab. Huwa qal illi din is-sistema tan-numri hija tajba ħafna speċjalment għal ilmenti mingħand ir-residenti sabiex inkunu nistgħu nikkwotaw in-numru tal-bozza inkwistjoni.

Is-Sindku qal illi sabiex dan ir-refurbishment flimkien man-numbering system isir għal Triq ix-Xatt kollha hemm bżonn li toħroġ tender.

Is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li nipprovaw arblu wieħed bħala sample sabiex ikollna gwida għalina qabel ma nidħlu għal dan il-proġett. Huwa kompla jgħid illi t-tip ta' żebgħa li trid tintuża tiġi f'bottijiet zgħar u bil-garanzija.

Il-Kunsilliera is-Sur John B Camilleri qal illi l-kwotazzjoni tan-Nexos kwotat nofs ~~is-size~~ u jiswew madwar €6.50.

Is-Sur John B Camilleri qal illi din hija xi ħaġa sekondarja u qabel għandna nieħdu ħsieb iż-żebgħa tal-poles

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.2 **Korrispondenza mill-MEPA rigward reviżjoni tal-pjanijiet lokali (35/3148/13/I):**

Is-Sindku beda billi jgħid illi ġew rappreżentanti mill-MEPA jiltaqgħu miegħu fl-uffiċju u qalulu illi għandna ċans ngħaddu l-proposti tagħna għall-pjan lokali sa nofs Awwissu.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jaqbel illi nagħmlu laqgħa mar-residenti qabel ma nissottomettu l-veduti tagħna lill-MEPA.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi qabel ma tiltaqa mar-residenti trid tkun preparat.

Is-Sindku spjega xi diskussjonijiet li nqalgħu waqt il-laqgħa li kellu fosthom kienu il-full size football pitch.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi tajjeb nippreparaw lir-residenti sabiex joħorġu proposti qabel ma niltaqgħu magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġol family park kien ippjanat illi jsir waterpark sabiex ikun adattat ukoll għas-sajf fejn dan għadu ma sarx.

Is-Sindku irrisponda illi kien hemm xi problemi fl-istruttura b'hekk għadu ma sarx.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fl-opinjoni tiegħu suġġeriment illi nistgħu* ngħaddulhom hu illi m'għandhomx jinħarġu aktar permessi sabiex jinbnew aktar sulari fl-bini ġewwa Marsaskala, in-nies ma jonxrux fil-gallariji u problema oħra li hawn ġewwa Marsaskala hi li ħafna garaxxijiet jintużaw bħala djar.

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li l-MEPA torganizza din il-laqgħa u aħna nkunu preżenti għaliha għaliex għandhom ikunu l-uffiċjali tal-MEPA li jispjegaw il-Pjanijiet Lokali.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal illi aħna bħala Kunsill għandna niddeċiedu fuq ċerti proposti illi għandna ngħaddu lill-MEPA wara li nkunu iddiskutejnijom mar-residenti ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna niddiskutu l-proposti bħala Kunsill qabel ma nirrikorru għall-opinjonijiet tar-residenti.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għandna nibagħtu ittra lill-għaqdiet sabiex jagħtu l-proposti tagħhom fuq dan ir-rigward.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MEPA diġa talbet l-informazzjoni dwar l-għaqdiet li għandna ġewwa Marsaskala u bgħatnilhom l-informazzjoni.

3.3 **<u>Korrispondenza mill-ANSEK (35/3003/13/I):</u>**

Is-Sindku preżenta komunikazzjoni mill-ANSEK fejn titkellem fuq sħubija korporattiva tal-Kunsill mall-ANSEK fejn inkunu nistgħu nibbenefikaw minn skont fuq il-korsijiet tal-accounts u l-finanzi li bdew Nhar l-Erbgħa 26 ta' Ġunju 2013 permess ta' ħlas annwali tas-sħubija li jammonta għal €180

Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nissieħbu ma' din l-għaqda.

3.4 **<u>Bankijiet mill-Green MT dovuti lill-Kunsill għas-sena 2012 (35/3234/I):</u>**

Is-Sindku beda billi qal illi bagħat diversi emails lis-Sur Joe Attard sakemm tkellem miegħu u qallu illi r-raġuni għaliex għadu ma nħariġx iċ-ċekk għan-nom tas-Sur Mario Mallia kienet minħabba xi problemi ta' finanzi u qallu illi fit-13 ta' Lulju iċ-ċekk ser jintbagħat lis-Sur Mallia.

*Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk iċ-ċekk ma jinħariġx sa l-14 ta' Lulju 2013* għandna nibgħatu ittra legali.

Is-Sindku qal illi seta kien hemm din il-problema ta' amministrazzjoni min naħa tas-Sur Attard, li issa qed tiġi solvuta.

Is-Sindku qal illi jekk sal-14 tax-xahar ma jħallasx, is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat e-mail u jikkopja lill-Kunsilliera kollha fejn jgħid illi b'dispjaċir ser ikollna nwaqqfu l-kuntratt mall-Greenmt.

Il-Kunsill qabel unanimament

3.5 **Garanzija Bankarja ta' JGC Ltd :**

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi spjega illi l-garanzija bankarja ta' JGC Ltd waslet biex tingħalaq u qal illi fil-kuntratt hemm miktub illi l-garanzija kellha iddum massimu ta' sena dan iż-żmien ġie stipulat u b'hekk nistgħu nirrilaxawha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.6 **Arranġament ma Remax Professionals fuq reklamar fuq għamara tat-toroq:**

Is-Sindku beda billi qal illi rċievejna korrispondenza mgħand il-JK Properties Ltd fejn talbu illi jirriklama fuq is-sitt U shaped bollards li hemm quddiem il-Waterline restaurant. Huwa żied jgħid illi dawn is-sitt U shaped bolllards mhux ser ikunu parti mill-Expression of interest li ser toħroġ. JK Properties ltd qed jipproponu li jħallsu €600 għal-ewwel sena u jsir ħlas ta €300 fis-sena wara l-ewwel sena għal ħames snin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk tistgħax issir din il-proċedura.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu ser isir żball.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi teżisti byelaw rigward l-għamara tat-toroq fejn tindika l-qies u l-prezz ta' kif suppost iħallsu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-byelaw hija riżorsa ta' dħul u rridu nimxu skond il-byelaw, kompla jgħid li hemm żewġ options jew dik li jinxtraw permezz tar-rati stipolati fil-byelaw jew inkella li dawn is-sitt U shaped bollards flimkien mall-Ushaped bollard ta' Triq La Sengle jidħlu fl-expression of interest li ser toħroġ aktar il-quddiem.

Is-Sur Lawrence Ciantar qajjem il-punt illi l-barriers li ingħataw lill ta' Monita bi ħlas baqgħu ma ħallsuniex tagħhom.

Is-Sindku qal illi għandna nibgħatrulhom ittra sabiex iħalsu immedjatament.

Is-Sur John B Camilleri qal illi l-JK Properties Ltd fl-ittra tagħhom taħt punt 3 semmew illi huma ser jisbħu dawn il-U shaped bollards iżda dawn ma hemmx għalfejn jinżebħu għaliex huma tal-istainless steel, hu kompla jgħid illi meta kien sar l-agreement mall-Kumpanija preżenti li qed tieħu ħsieb il-U shaped bollards kienu avviċinawħ tlett kumpaniji fejn ilmentaw għaliex ma nħariġx avviż fejn kulħadd seta jkun infurmat u tajjeb illi din id-darba ma nerġgħux nirrepetu dan l-iżball.

Is-Sindku qal illi l-iskop tiegħu kien illi nakwistaw żewġ bankijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ser tkun qed toħroġ expression of interest fejn il-bins li fil-preżent qiegħdin imniżżlin fl-agreement ser jiġu mneħħija peress illi l-kumpanija li tieħu ħsiebhom ser jiskadila l-kuntratt f'Novembru li ġej u jifdal biss il-50 barrier.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kull min jixtieq jirriklama fuq kull U Shaped Barrier li għandna ġewwa Marsaskala għandu jagħmel dan permezz tal-byelaw li għandna fil-preżent u ser ikunu fuq bażi first come first served u allura m'hemmx għalfejn li tinħareġ l-expression of interest għalissa.

3.7 **<u>Informazzjoni dwar ir-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin(35/3204/13/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-Girl guides se jiffirmaw lease agreement mal-Lands Department u għal premises ġodda ġewwa l-Wasteserv.

3.8 **<u>Informazzjoni dwar premises ġodda għal girl guides(35/3204/13/I)</u>**

Din il-komunikazzjoni ġiet diskussa f'punt 3.7

✦ ***Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kien skużat milli jkompli jattendi l-laqgħa 7:40p.m***

3.9 **<u>Approvazzjoni tal-Quaterly report għax-xahar Jannar-Marzu 2013:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-quarterly report lill-Kunsill u spjega kif għax-xhur Jannar-Marzu ma kellnix d-dħul li kien ppjanat għaliex kien hemm il-ħsieb li l-flus mogħtija minn miżura 125 kif ukoll kien l-proġett tal-GAL Xlokk kienu ser jindaħlu f'dan il-quaterly report. Hu kompla jgħid illi l-flus li ser jidħlu min dawn il-proġett xorta kienu ser jiġu użati u mhux mfaddla.

*Is-Segretarju qal illi nfaqna inqas flus fl-ewwel tlett xhur tas-sena minn dak li kien propost.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-problema fil-kontijiet tal-Wasteserv għada ma gietx riżolta. Dan ifisser illi l-Kunsill għadu qed ħallas inqas mill-ammont tal-invoice ta kull xahar għaliex din tinħadem fuq it-tipping fees li nirċievu mill-allokazzjoni.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja propona l-approvazzjoni tal-quaterly report u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar s-sekondat.

Il-Kunsill approva unanimament dan il-quaterly report.

3.10 **<u>Torri San Tumas:</u>**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif bqajna rigward il-problema tat-torri.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi saret laqgħa ġewwa l-Kunsill mal-Onor Jose Herrera u ġie spjegat lil Onorevoli għalfejn sa 5 snin oħra dan it-torri ma jistax jittieħed.

Is-Sindku żied jgħid illi Nhar is-Sibt li għadda waqt l-attivita` Arti fil-beraħ kien hawn l-Onor Galdes u qallu illi l-kwistjoni tat-torri għada mhux deċiża jekk tingħatax lgħal skopijiet ta uffiċju.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt staqsa rigward pagament 404 fejn tpoġġew dawn il-flower pots u ngħata tweġiba ta' fejn tpoġġew.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq pagament numru 375,376 jekk hux pagament rigward il-ftuħ extra tal-latrini fis-sajf.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawk huma pagamenti bil-ħinijiet tas-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi kull darba li jmur idur il-latrini hu qatt ma jsib attendant ma' l-ebda lattrina.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi fil-ħinijiet tas-sajf irid ikun hemm attendant mal-latrina ta' taħt il-knisja fejn f'ċerta ħin mill-ġurnata imur inaddaf il-latrini taż-Żonqor u jkun hemm attendant ieħor fil-latrina ta' San Tumas li f'ċertu ħin imur inaddaf il-latrina ta' ħdejn il-Jerma hekk kif stipulat fil-kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fl-aħħar laqgħa il-Kunsill iddeċieda illi jintbgħat avviż qabel ma jintbgħatu d-default notices.

Is-Sindku qal illi ma kien hemm l-ebda ilment rigward ħmieġ u allura ma jħossx li għandna nibgħatu default notice.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-latrina tar-Ramla hija essenzjali sabiex tkun sorveljata skond il-kuntratt, hu qal ukoll illi l-latrina tal-Jerma għadna bżonn tinżebaħ u kien hemm okkażjoni fejn saħansitra kien sab il-latrina mifija mid-dawl.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi pagament 252 tal-laqgħa numru 6 ġie ikkanċellat minħabba li kien tħallas fil-laqgħa preċedenti.

4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fin-nuqqas tal-Kunsillier John B Camilleri qed jgħaddi l-pagament tan-Nexos bl-invoice number 1190 ħalli kif jiġi iċċertifikat mingħand l-istess Kunsillier jinħareġ bħala pagament b'urġenza.

Il-Kunsill qabel unanimament

Il-Kunsillier Is-Sur Sandro Gatt ppropona l-awtorizzazjoni ta' dawn il-pagamenti u l-Viċi Sindku s-Sinura Desiree' Attard ssekondat.

Il-Kunsill approva unanimament.

5.0 Aġġudikazzjoni ta' Tenders:

KLM 2013/04 Road Maintenance and Major Patching Works in Access and Access only roads.

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Silvar Constructions & Services Ltd | As per b.o.q |
| 2. | Polidano Brothers Ltd | As per b.o.q |
| 3. | Crossroad Co-operative Society ltd | As per b.o.q |
| 4. | V&C Contractors Ltd | As per b.o.q |
| 5. | Elles' Urban Services Ltd | As per b.o.q |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-bord tal-aġġudikazzjoni iltaqgħa u beda billi raw jekk il-kuntratturi kollha kienux *technically & administratevely complaint,* kif ukoll raw l-irħas rata mgħotija skond kif ħareġ dan it-tender, hu kompla jgħid illi l-Kuntratturi kollha kienu *technically & administratevely complaint* u għaldaqstant il-bord evalwa r-rapport, illi ħejja l-Perit meta għamel shortlisting fuq il-financial analysis.

Wara li saru l-evalwazzjonijiet kollha l-bord qed jirrakomanda lill-Kunsill illi l-orħos offerent u li kien *technically & administratevly complaint* kien Crossroads Co-operative society Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt iddikjara konflit ta' nteress u ma pparteċipax fil-vot.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ppropona illi din it-tender tingħata lill- Crossroads Co-operative society Ltd u s-Sindku ssekonda.

Il-votazzjoni għaddiet 7 favur 0 kontra 0 astenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

5.1 **<u>KLM 2013/05 Maintenance and Construction of Pavements Boundary Walls and other Ancillary Works.</u>**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Polidano Brothers Ltd | As per b.o.q |
| 2. | Silvar Construction & Services Ltd | As per b.o.q |
| 3. | Karmig Trading Ltd | As per b.o.q |
| 4. | Cross road Co-Operative Society Ltd | As per b.o.q |
| 5. | Elle's Urban Services Ltd | As per b.o.q |
| 6. | E Mifsud & sons building and Construction Ltd | As per b.o.q |
| 7. | Denfar Excavating Ltd | As per b.o.q |
| 8. | Schembri Barbros | As per b.o.q |

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-minuti tal-board tal-aġġudikazzjoni lill-Kunsill u spjega li waqt l-evalwazzjoni tal-offerenti kien hemm problema bil-kunrattur Karmig Trading Ltd fejn dan ma preżentax fit-tender il-lista ta' ħaddiema mingħand l-ETC kif ukoll l-lista ta' makkinarju. Huwa żied illi waqt il-laqgħa l-bord talbu sabiex jiċċekja mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali rigward dan pero' ma setgħax jieħu risposta mingħand is-Sur Frendo għaliex ried jiċċekja u għaldaqstant intbgħatet email u bqajna bla risposta.

B'hekk irrikorejna għand l-assistent direttur tad-Dipartiment tal-kuntratti fejn min naħa tieħu nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li la darba ma kienx hemm mniżżel fil-kuntratt illi min ma jipprovdix dawn id-dokumenti jiġi skwalifikat, għaldaqstant dan il-kuntrattur għadu eliġibli.

Il-bord evalwa r-rapport illi ħejja l-Perit meta għamel shortlisting fuq il-financial criteria, l-orħos tlett offerenti forst it-tmien offerenti kienu: Karmig Trading Ltd, E Mifsud & sons building and Construction Ltd u Cross road Co-Operative Society Ltd.

Il-Bord qed jirrakomanda lill-Kunsill illi wara li evalwa sampling tax-xogħolijiet li ħejja l-Perit Aaron Abela waslu għad-deċiżjoni illi l-orħos offerent hu E Mifsud & sons building and Construction Ltd.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt iddikjara konflit ta' nteress u ma pparteċipax fil-vot.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona illi din it-tender tingħata E Mifsud & sons building and Construction Ltd u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ssekonda.

Il-votazzjoni għaddiet 7 favur 0 kontra 0 astenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament

5.2 **KLM 2013/06 Service of Accountant**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | P&D Consultancy Services | €8280 per annum<br>€14 per hour additional works |
| 2. | Nexia Bt | €5750 per annum<br>€30 per hour additional works |
| 3. | Paul Bugeja | €8400 per annum<br>€30 per hour additional works |
| 4. | Spiteri Bailey & Co<br>(SB Consulting Ltd) | €6876 per annum<br>€20 per hour additional works |
| 5. | Lawrence A Cauchi<br>f/Darmanin Cauchi & Co | €13000 per annum<br>€30 per hour additional works |

Is-Segretarju Eżekuttiv beda billi jgħid illi tlabna fl-ispeċifikazzjonijiet tat-tender tlabna illi l-esperjenza ta' tlett snin tkun fuq bażi ta' accountant u mhux awditur.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kellna 5 kuntratturi u għamel evalwazzjoni fejn l-orħos offerent kien Nexia BT. Huwa ċempel il-Kunsill Lokali ta' Bormla biex jikkonferma fejn Nexia BT ma kellomx 3 snin esperjenza bħala accountants ġo dan il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi għandna nimxu skond il-kriterja li tlabna fil-kuntratt u la Nexia BT *m'għandhomx ir-rekwiżiti neċessarji ma nistgħux naċettaw lilhom.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi it-tieni l-orħos offerent kien Spiteri Bailey & Co iżda dan għandu esperjenza bħala awditur u mhux bħala accountant kif kien mitlub fit-tender.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi it-tielet orħos offerent kien P&D Consultancy Services fejn din il-kumpanija kella r-rekwiżiti kollha neċessarji li kien hemm mitlub fit-tender, hu kompla jgħid illi iċċekja mall-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġia fejn kellhom lill-P&D Consultancy Services bħala accountants u sab illi l-management report tagħhom kien tajjeb ħafna.

Iż-żewġ offerenti l-oħra iġifieri Paul Bugeja u Lawrence A Cuachi f/Darmanin Cauchi & Co kellhom ir-rekwiżiti kollha neċessarji.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciatar staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv kemm il-Kunsill ivvota finanzi għas-servizz ta' accountant din is-sena.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi allokajna il fuq minn €8000 għal din is-sena.

*Il-Kunsill qabel unanimament illi din is-sejħa tingħata lill-P&d Consultancy Services għaliex* għandhom ir-rekwiżiti kollha li tlabna aħna fit-tender.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud iddikjara konflit ta' nteress u ma pparteċipax fil-vot.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja ppropona illi din it-tender tingħata lill-P&D Consultancy Services u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ssekonda.

Il-votazzjoni għaddiet 7 favur 0 kontra 0 astenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

**Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur John Baptist Camilleri (#022-28/06/13):**

"Jipproponi sabiex jinqala il-puġaman fi Ġnien Mifsud Bonniċi u jeħel iktar 'l fuq peress li ġie fil-baxx ħafna wara li għamilna t-taraġ."

Il-Kunsill qabel unanimament.

7.1 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja(#023-1/07/13):**

"Jipproponi sabiex issir sleeping police Triq Wied iz-Ziju (ħdejn id-dar maħruqa ta' Joe Grima)."

Din il-mozzjoni ġiet irtirata minħabba li s-Sindku diġa tkellem mall-Ministeru tat-trasport *pubbliku u diġa saret.*

7.2 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#024-1/07/13):**

" Jipproponi sabiex jerġgħa jsir fustun permanenti fi Triq iz-Zonqor."

Is-Sindku qal illi ħdejn id-dar il-ħamra hemm fustun bla bozoz, hu kompla jgħid li nistgħu nixtru wieħed permezz ta' tender jew inkella nikruħ għal tlett xhur tas-sajf.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa għaliex għandu jsir fl-area taż-Żonqor

Is-Sindku qal illi dan minħabba l-fatt illi lejn dawk in-naħat m'hemmx dawl biżżejjed u jinstabu fid-dlam.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hemm biċċa oħra li minn ħdejn id-dgħajjes sa ħdejn id-dar il-ħamra.

Is-Sindku qal illi jaħseb li għal dan is-sajf nikruh.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi tajjeb li nikruh anke ħabba l-fatt illi fix-xitwa minħabba l-ilmijiet ikollu bżonn ta' ħafna maintenance.

Is-Sindku qal illi tajjeb li nġibu kwotazzjoni ta' kemm jiġi jiswina sabiex nikruh kif ukoll nixtruh.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa illi ngħidu lil xi ħadd illi jarma fil-festa sabiex itina kwotazzjoni kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.3 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur John B Camilleri (# 025-1/07/13):</u>**

Il-Kunsill qabel unanimament.

✦ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mil-Laqgħa fid-9:10p.m***

✦ ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ħareġ mil-Laqgħa fid-9:10p.m***

8.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

Il-Kunsillier is-Sinjur Elizabeth Cassar qalet illi kienet maret seminar fejn tkellmu fuq l-itenerarju tal-lokalita` fejn dawn jiġbru affarijiet u attrazzjonijiet fuq il-lokalitajiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi hu jkun jistgħa jgħaddi aktar informazzjoni fuq Marsaskala sabiex ngħadduhom lill-persuna ikkonċernata.

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi xtaq joħroġ bl-ideja fejn nagħmlu attivitajiet għal ġranet bħal Jum l-Omm, Jum il-missier, jum it-tfal etc fejn nkunu nistgħu nesponu aktar lill-Marsaskala b'diversi attivitajiet li jsiru sabiex jiġbdu aktar kemm lir-residenti tal-Lokali kif ukoll min irħula oħra sabiex jagħżlu l-lokalita` ta' Marsaskala biex jiċċelebraw dawn il-festi ta' kull sena.

8.2 Is-Sindku qal illi l-programm ta' attivitajiet għax-xhur tas-sajf li ġejjien huma dawn li ġej:

It-Tlieta 9 ta' Lulju 2013 - Attivita` imtella mill-banda tal-Pulizija.
Is-Sibt 13 ta' Lulju 2013 – Talent show imtella mill-girl guides ġewwa il-Family park.
Il-Ħadd 14 ta' Lulju 2013 – Car show ħdejn ic-Charian Residence.
Il-Ħadd 21 ta' Lulju 2013– Attivita bl-isem Underwater cleanup.
Is-Sibt 10 t'Awwissu 2013 – Lejla Agrarja.
It-Tnejn 12 t'Awwissu- L-avveniment Miss Malta.
Is-Sibt 31 ta' Awwissu – Jum Marsaskala u ser jitella kunċert mill-banda tal-Lokali.
It-Tnejn 1 ta' Settembru 2013 – Ser ikun hemm quddies filgħodu u wara tberik tal-annimal, żied jgħid illi filgħaxija ser ikun hemm riċeviment għas-sotto kumitati kif ukoll helpers ta' Marsaskala.

Is-Sindku qal illi mit-28 sal – 5 ta' Settembru ser jitella bazaar taħt il-knisja mis-Sinjorina Ramona Zammit fejn il-qliegħ kollu ser jingħata lill-Puttinu cares.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ser jibdew il-craft courses kif ukoll story telling, hu kompla jgħid illi attenda għal seminar ta għoti ta' premjijiet lill-intraprizi ż-żgħar u l-Lokalitajiet li ħadu premju kienu dawk tal-Ħamrun u l-Mellieħa.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun Nhar il-Ħamis 8 t'Awwissu 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku